MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Avvi$Z Numru. 1335/2000/1

Avviz Nru:-1335/00DM

Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Josephine Fenech sija bil-polza u sija bil-ligi

Vs

Francis Busuttil

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ tlett  mija wiehed u disghin lira (Lm391.00,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-2 ta’ Jannar 1999 fil-Regional Road, St Julians, meta l-konvenut, waqt li kien isuq il-vettura numru GVN 259, habat mal-vettura numru

EAW 593, misjuqa minn Joseph Fenech u proprejta' tal-assikurata Josephine Fenech, u ikkagunalha hsara, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-13 ta' April 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Busuttil fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma hux responsabbli ta' l-incident imsemmi;
2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita' jirrizulta definittivament illi l-kollizzjoni grat meta l-ambulanza misjuqa mill-konvenut naqqset il-velocita' minhabba ostakolu ta' vettura wieqfa quddiema b'rizultat illi l-vettura misjuqa minn Joseph Fenech li kienet qed issegwi baqghet diehla go fiha.

Il-kontestazzjoni tirrigwarda r-raguni ghaliex il-karrozza assigurata tal-atturi misjuqa minn Joseph Fenech habtet mal-ambulanza misjuqa mill-konvenut billi l-konvenut issostni illi l-vettura l-ohra kienet qed issuq fl-istess karreggjata warajh u habtet mieghu ghaliex kien hemm nuqqas ta' 'proper look out' jew nuqqas ta' distanza

ragonevoli bejn il-vetturi, waqt li Joseph Fenech issostni illi huwa ma kienx qieghed isuq fl-istess karreggjata tal-ambulanza izda habat mall-ambulanza ghaliex din, biex tevita l-ostakolu quddiema, harget mill-karreggjata taghha u invadiet il-karreggjata tieghu fuq in-naha tal-lemin tal-ambulanza.

Billi z-zewg sewwieqa jghatu verzjonijiet kontrastanti, l-Qorti trid bilfors toqghod fuq id-deposizzjoni tal-ufficjal li nvestiga l-kaz anke fl-assenza ta’ sketch illi setgha jindika preciz fejn spiccaw il-vetturi u li kien defenittivament jirrisolvi din il-kwistjoni.

Sfortunatament ir-rapport esibit mill-istess ufficjal Ps1492 Joseph Pace ma jaghti ebda indikazzjoni tal-posizzjoni li fiha spiccaw il-vetturi wara l-habta. Infatti fil-‘Police Version of Events’ a fol 21 tal-process gie ndikat biss illi l-vettura misjuqa minn Joseph Fenech kienet “being driven behind the ambulance” u habtet go fiha.

Dan huwa verament nuqqas serju meta Joseph Fenech, bil-karrozzi ghadhom fuq il-post, kien allega mal-istess ufficjal illi l-ambulanza kienet giet ‘on his side of the road to avoid a vehicle infront and the collision occurred’, allegazzjoni indikkattiva ghalhekk illi l-ambulanza kienet bidlet il-karreggjata u indikativa ukoll li l-kwistjoni tar-responsabbilta kienet impernjata esklussivament fuq il-fatt jekk l-ambulanza spiccatx f’karreggjata ohra oltre dik li kienet qed tinsaq fiha.

Izda fid-deposizzjoni tieghu tal-24 t’Ottubru tal-2001, l-istess ufficjal Ps1492 Joseph Pace, irrimedja ghan-nuqqas tieghu u ddikjara illi l-konvenut dak in-nhar tal-access kien effettivament ikkonferma illi huwa kellu jigbed fuq in-naha tal-lemin tieghu biex ma jahbatx mall-vettura illi waqfet quddiemhu u dan jispjega l-fatt ghaliex l-ufficjal ma hassx dik il-htiega illi jiddikjara illi l-ambulanza kienet bidlet il-karreggjata peress illi z-zewg sewwieqa fuq il-post kienu effettivament qablu illi kienet saret din il-manuvra.

Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiddubita mill-verzjoni moghtija minn dan l-ufficjal bil-gurament u

ghalhekk issib illi effettivament ir-responsabbilta' tal-kollizzjoni hija esklusivament tal-konvenut illi minhabba, jew li ma zammx ' proper look out' jew ma zammx distanza necessarja mit-traffiku li kien qieghed isegwi, kellu jinvadi karreggjata ohra biex jevita kollizzjoni ma vettura quddiemu u b'hekk ostakola lill-vettura misjuqa minn Joseph Fenech li ma setax jevitah.

Ghaldaqstant ukoll il-konvenut irid ukoll jirrispondi ghad-danni kollha ikkawzati fuq il-vettura ta' Josephine Fenech assigurata mall-kumpanija attrici.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni, l-kumpanija attrici oltre l-ircevuti kollha in konnessjoni mall-ispejjez biex setghet tigi rriparata l-vettura, pproducew wkoll bhala xhud lis-surveyor Natalino Agius illi kien ezamina l-hsara u awtorizza r-riparrazzjonijiet u minn naha tieghu ikkonferma li l-ispejjez kollha li saru ghat-tiswijiet u ghal 'spare parts' kienu kollha iggustifikati hlief ghal-wing mirror ta' valur ta' Lm62.57 (tnejn u sittin lira Maltin u seba' u hamsin centezmu) li ma kienx gie awtorrizzatat ghal bdil.

Minn dawn il-provi jirrizulta ghalhekk illi d-danni totali li sofrew l-atturi b'rizultat tal-kollizzjoni jammontaw ghal somma komplessiva ta' Lm579.96 (hames mija u disa' u sebghin lira Maltin u sitta u disghin centezmi)

Min-naha tal-konvenut, huwa qieghed jikkontesta dan il-*quantum* anke minhabba li l-atturi kienu fl-avviz indikaw is-somma ta' Lm391 (tlett mija u wiehed u disghajn lira Maltin) bhala l-ammont determinat illi kienu qeghdin jitolbu l-hlas tieghu.

Izda l-atturi fl-avviz ma kienux illimintaw ruhhom li jitolbu biss is-somma determinata ta' Lm391 (tlett mija u wiehed u disghajn lira Maltin), izda kienu rriservaw favur taghhom id-dritt illi jitolbu din il-Qorti sabiex tillikwida kwalunkwe somma ohra verjuri li huma setghu jistabilixxu mill-provi matul il-procediment tal-kawza.

Din ir-riserva ma timplikax biss illi s-somma verjuri li tista' tigi likwidata ghandha bilfors tkun inqas mis-somma

determinata indikativa fl-istess avviz, imma l-ammont verjuri jista' jkun kemm iktar u kemm inqas mill-ammont indikat salv illi dan l-ammont verjuri ma jkunx jesorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fis-somma rizultanti ta' Lm579.69 (hames mija disa' u sebghin lira Maltin u sitta u disghajn centezmi) u stante r-responsabbilta esklussiva tal-konvenut ghall kollizzjoni qeghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi din is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Settembru tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------